

Brussell, 6 ta' Ġunju 2024  
(OR. en)

10654/24

COH 37

#### NOTA

|          |                                                                                      |
|----------|--------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Presidenza                                                                           |
| lil:     | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                                        |
| Suġġett: | Ir-rabta bejn il-Politika ta' Koeżjoni u l-aġenda strateġika l-ġdida għall-2024-2029 |
|          | – <i>Skambju ta' fehmiet</i>                                                         |

Fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali ddedikata għall-Politika ta' Koeżjoni tat-18 ta' Ġunju, abbażi tad-dokument tal-Presidenza li jinsab fl-anness ta' din in-nota, il-Ministri responsabbli għall-Politika ta' Koeżjoni huma mistiedna jiddiskutu r-rabta bejn il-Politika ta' Koeżjoni u l-aġenda strateġika l-ġdida għall-2024-2029.

**Dokument ta' sfond****għall-Kunsill Affarijiet Ġenerali ddedikata għall-Politika ta' Koeżjoni****"Ir-rabta bejn il-Politika ta' Koeżjoni u l-aġenda strateġika l-ġdida għall-2024-2029"**

Lejliet l-istadju tad-definizzjoni tal-prijoritajiet strateġiċi tal-leġiżlatura Ewropea li jmiss, il-Presidenza Belġjana tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea tistieden lill-Istati Membri jiddiskutu r-rabta bejn l-aġenda strateġika l-ġdida għall-2024-2029 u l-Politika ta' Koeżjoni għal wara l-2027.

Il-Politika ta' Koeżjoni tagħmilha possibbli li jiġu **appoġġati l-investimenti pubbliċi u jiġu mobilizzati l-investimenti privati**. Tiffoka wkoll fuq **l-iżvilupp ta' fatturi ewlenin tal-produttività** – l-innovazzjoni, il-ħiliet, l-infrastruttura – u b'hekk tikkontribwixxi biex jiġi sfruttat il-potenzjal tat-tkabbir u tissaħħaħ il-**kompetittività tar-Reġjuni Ewropej**. Il-Politika ta' Koeżjoni għandha wkoll rwol importanti fl-iżvilupp tal-kapital uman, kemm f'termini ta' aċċess għall-**impjiegi u għall-kisba ta' ħiliet** għas-suq tax-xogħol tal-futur. Hija wkoll vettur tal-**inklużjoni soċjali**, li jikkontribwixxi għall-koeżjoni bejn iċ-ċittadini u r-reġjuni Ewropej. Barra minn hekk, f'dawn l-aħħar snin il-Politika ta' Koeżjoni ffukat fuq l-isfidi tat-**tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali**, kif ukoll it-**trasformazzjoni industrijali tal-Unjoni**, u b'hekk ikkontribwiet għat-tisħiħ tal-awtonomija strateġika miftuħa tal-UE.

F'dan ir-rigward, ir-rapport ta' Letta fakkar ir-rwol importanti tal-Politika ta' Koeżjoni għall-oġettivi strateġiċi futuri tal-UE u r-rabta intrinsika tagħha mas-**suq uniku**. Matul dawn l-aħħar 30 sena, is-suq uniku u l-Politika ta' Koeżjoni kienu forza ewlenija għat-tkabbir sostenibbli fl-UE u għat-tnaqqis tad-disparitajiet bejn l-Istati Membri. Id-disa' Rapport dwar il-Koeżjoni jenfasizza wkoll il-fatt li **ħafna reġjuni tal-UE esperjenzaw konverġenza ekonomika u soċjali sinifikanti** f'dawn l-aħħar deċennji.

Il-Politika ta' Koeżjoni kkontribwiet ukoll għat-tisħiħ tas-suq uniku u biex tagħmlu aktar ġust billi żgurat li r-reġjuni kollha jipparteċipaw u jibbenefikaw minnu. Il-Politika ta' Koeżjoni ser tkompli taqdi rwol fil-futur, b'mod partikolari fid-dawl tat-tkabbir potenzjali tal-UE, il-kuntest ġeopolitiku, u l-iskala u l-kumplessità tal-isfidi li għandhom jiġu solvuti.

Sabiex jiġi żgurat tkabbir sostenibbli u inklużiv madwar l-Ewropa, waħda mill-isfidi ewlenin għall-UE fis-snin li ġejjin hija l-kapaċità tagħha li **timplimenta l-aġenda u l-oġettivi strateġiċi futuri tagħha filwaqt li tiżgura li r-reġjuni kollha jipparteċipaw fit-tranżizzjonijiet għall-benefiċċju tat-territorji u l-popolazzjonijiet tagħhom.**

Sabiex tiggwida d-diskussjonijiet fil-laqgħa ministerjali, il-Presidenza Belġjana tistieden lill-ministri biex jaqsmu l-viżjoni tagħhom dwar iż-żewġ mistoqsijiet ta' hawn taħt.

Dawn il-mistoqsijiet ser jiġu ttrattati f'sessjoni waħda ta' diskussjoni madwar mejda. L-interventi ma għandhomx jaqbżu **t-tliet minuti**.

Il-politika ta' koeżjoni, bħala l-politika ta' investiment ewlenija tal-UE, kellha rwol importanti fl-iżvilupp, il-kompetittività u l-konverġenza tal-UE.

- *Kif nistgħu niżguraw li Politika ta' Koeżjoni adattata tkompli taqdi rwol importanti fil-kisba tal-oġettivi strateġiċi tal-UE?*
- *Kif nistgħu niżguraw li r-reġjuni kollha, b'kont meħud tal-ispeċifitàjiet u d-differenzi tagħhom, jipparteċipaw fir-rispons Ewropew għall-isfidi attwali u futuri u fl-implimentazzjoni tal-prijoritajiet futuri tal-aġenda strateġika?*